MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Avviz Numru. 358/2013

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Adolf Mangion**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, hames mija u tnejn u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€9,542.25) bilanc ghad-debitu fil-"Credit Card Loan Account" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 t'Ottubru, 2013 sad-data tal-effettiv pagament, liema loan giet moghtija lilu permezz ta' skrittura privata datata 8 ta' Marzu, 2012 (Dok "B").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok “B”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Adolf Mangion (a) naqas milli ihallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 5 ta’ Settembru, 2013 (Dok “C”).

Rat li fis-seduta tad-9 t’April, 2014 il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, ma deherx u lanqasipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-14 t’April, 2014, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, ghalhekk it-talba tas-socjeta’ attrici ghandha titqies bhala mistqarra.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disat elef, hames mija u tnejn u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€9,542.25), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 t’Ottubru, 2013 sat-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 5 ta’ Settembru, 2013, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------